

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2014 – ZZ vs BĊE**(Kawża F-94/14)**

(2015/C 007/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche)*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tad-Direttur tal-BĊE li ma tagħtix lir-rikorrent żieda addizzjonali ta' salarju, fil-kuntest tal-proċedura ta' reviżjoni annwali tas-salarji u tal-bonus, għas-sena 2014.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tad-Direttur, adottata fil-25 ta' Frar 2014 u kkomunikata lill-persunal fit-3 ta' Marzu 2014, li ma tagħtix lir-rikorrent iż-żieda addizzjonali ta' salarju għas-sena 2014;
- jannulla d-deċiżjoni li tiċħad ir-rikors speċjali datata l-1 ta' Lulju 2014 u riċevuta fis-7 ta' Lulju 2014;
- jekk ikun neċessarju, jannulla d-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment kompetenti/DG-H li ma ħaż inkunsiderazzjoni u lanqas ippropona lir-rikorrenti għal żieda addizzjonali ta' salarju, ikkomunikata impliċitament bid-deċiżjoni tad-Direttur tal-25 ta' Frar 2014 u bid-deċiżjoni li tiċħad ir-rikors speċjali tal-1 ta' Lulju 2014;
- jikkumpensa d-dannu materjali li jikkonsisti fit-telf ta' opportunità li jikseb żieda addizzjonali ta' salarju fl-2004 evalwata għal EUR 51,962 jew, alternattivament, jannulla l-proċedura li tat lok għad-deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2014 u l-organizzazzjoni mill-BĊE ta' proċedura ġdida għall-ġhoti ta' żidiet addizzjonali ta' salarju għas-sena 2014;
- tikkumpensa d-dannu morali evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 5 000;
- tikkundanna l-konvenut għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2014 – ZZ u ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-96/14)**

(2015/C 007/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ u ZZ (rappreżentanti: J. Lombaert u A. Surny, avukati)*Konvenuta:* il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deksrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni li tirrevedi retroattivament il-pensjonijiet tas-superstiti mogħtija lir-rikorrenti u li tordna l-irkupru tas-somom eċċessivi li tħallsu indebitament.